**Qorti Kriminali**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.**

**Ammissjoni Nru: 511/2017**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Robert Attila Majlat**

**Robert Attilane Majlat**

Illum 1 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-akkużati, Robert Attila Majlat, detentur tal-karta tal-identita` Ungeriża 199257LA u Robert Attilane Majlat, detentrici tal-karta tal-identita` Ungeriża 257057LA akkużati talli:

> F'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, fl-14 ta' Novembru, 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;
>
> Bi vjolenza jew theddid, inkluż is-serq ta' persuna, b'qerq jew ingann, użu ħażin ta' awtorita', influenza jew pressjoni, u billi taw jew irċevew ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjenu l-kunsens tal-persuni li kellhom l-kontroll fuq persuna ohra, ittraffikaw persuni ta' eta' u cioe` lill AA u AB bil-għan li dawn il-persuni jiġu sfruttati fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi u kif ukoll għall-

prostituzzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 248A, 248B u 248D tal- Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-14 ta' Novembru, 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data biex jissodisfaw iż-żina ta' ħaddiehor, ġiegħlu bil-vjolenza jew ħajjru b'qerq persuni ta' l-eta u cioe lill AA u AB għall-prostituzzjoni, liema delitt sar bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ.

U aktar talli xjentement għexu għal kollox u/jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra.

U aktar talli fl-istess dati, lok, u ċirkostanzi żammew jew eżerċitaw jew kellhom sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali.

Aktar talli fl-istess dati, lok, u ċirkostanzi kellhom ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħallew jew ippermettew li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali.

Aktar talli fl-istess dati, lok, u ċirkostanzi bl-imġieba tagħhom ikkaġunaw lill-AA u AB il-biża’ li li ser tintuża vjolenza kontrijhom jew kontra l-propjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9.

U akkużati ukoll talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, irrendew ruhhom recedivi ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li ġew misjuba ħatja b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Maġistrati tal-10 ta’ Ottubru 2023, fejn l-akkużati **Robert Attila Majlat u Robert Attilane Majlat** ammettew l-imputazzjonijiet miġjuba kontra tagħhom u kkonfermaw tali ammissjoni anke wara li l-Qorti akkordatilhom żmien biex jikkunsidra din l-ammissjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fir-Reġistru ta’ din il-Qorti fit-18 ta’ Ottubru 2023 fejn iddikjarat li ai termini tal-artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, l-imputazzjonijiet kif addebitati fil-konfront tal-imputati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputati kienu irreġistraw l-

ammissjoni fuq imsemmija, għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-Liġi.

Rat ir-rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużati, **Robert Attila Majlat u Robert Attilane Majlat**, ippreżentat fit-08 ta' Novembru 2023, fejn filwaqt li għamlu riferenza għall-ammissjoni reġistrata mill-akkużati u għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 392B(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali, konġuntement iddikjaraw li qablu u talbu lil din il-Qorti timponi fuq l-akkużati **Robert Attila Majlat,** il-piena ta' priġunerija effettiva għal perijodu ta' għaxar snin u multa ta' għaxart elef ewro (€10,000), u fuq **Robert Attilane Majlat** il-piena ta' priġunerija effettiva għal perijodu ta' disa' snin u multa ta' sebat elef ewro (€7,000) u dan b'żieda ma' kull sanzjoni, spejjeż u/jew kull miżura oħra li hija mandatorja skont il-Liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-ħatjin.

**Ikkunsidrat:**

Illi, in vista tal-ammissjoni reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati fl-10 ta' Ottubru, 2023, u sussegwentement konfermata dakinhar stess, din il-Qorti tiddikjara lill-akkużati **Robert Attila Maljat** u lil **Robert Attilane Maljat** ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħhom u ċioe' ħatja talli:

> F'diversi bnadi f'dawn il-Gżejjer, fl-14 ta' Novembru, 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data, b'diversi atti magħmulin minnhom, ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjonijiet tal-liġi, u li gew magħmula b'riżoluzzjoni waħda;
>
> Bi vjolenza jew theddid, inkluż is-serq ta' persuna, b'qerq jew ingann, użu ħażin ta' awtorita', influenza jew pressjoni, u billi taw jew irċevew ħlasijiet jew benefiċċji sabiex jottjenu l-kunsens tal-persuni li kellhom l-kontroll fuq persuna ohra, ittraffikaw persuni ta' eta' u cioe lill AA u AB bil-għan li dawn il-persuni jiġu sfruttati fil-produzzjoni ta' oġġetti jew fl-għoti ta' servizzi u kif ukoll għall-prostituzzjoni u dan bi ksur ta' l-artikolu 248A, 248B u 248D tal- Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

U aktar talli fl-14 ta' Novembru, 2017 u/jew fix-xhur u snin ta' qabel din id-data biex jissodisfaw iż-żina ta' ħaddiehor, ġiegħlu bil-vjolenza jew ħajjru b'qerq persuni ta' l-eta' u cioe` lil AA u AB għall-prostituzzjoni, liema delitt sar bħala drawwa jew bi ħsieb ta' qliegħ.

U aktar talli xjentement għexu għal kollox u/jew f'parti, minn fuq il-qligħ tal-prostituzzjoni ta' persuni oħra.

U aktar talli fl-istess dati, lok, u ċirkostanzi żammew jew eżerċitaw jew kellhom sehem ma' oħrajn fl-eżerċizzju ta' burdell jew ta' dar, ħanut jew lokali ieħor jew ta' xi parti minnhom li huma ffrekwentati jew magħduda bħala li huma ffrekwentati għal skop ta' prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali.

Aktar talli fl-istess dati, lok, u ċirkostanzi kellhom ħanut, alloġġ jew lukanda jew appartament privat u ħallew jew ippermettew li dak il-ħanut, alloġġ, lukanda jew appartament jew xi parti tagħhom jiġu wżati bħala post ta' laqgħa għal skop ta prostituzzjoni jew għal skopijiet oħra immorali.

Aktar talli fl-istess dati, lok, u ċirkostanzi bl-imġieba tagħhom ikkaġunaw lill-AA u AB il-biża' li li ser tintuża vjolenza kontrijhom jew kontra l-proprjeta' tagħhom jew kontra l-persuna jew il-proprjeta' ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9.

U akkużati ukoll talli fl-istess perjodu ta' żmien u ċirkostanzi f'dawn il-Gżejjer, irrendew ruhhom recedivi ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li ġew misjuba ħatja b'diversi sentenzi mogħtija minn diversi Qrati, liema sentenzi saru definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Illi in kwantu għall-piena li għandha tiġi inflitta, il-Qorti qieset kemm il-fedina penali tal-akkużati, kif ukoll il-fatt li huma rreġistraw ammissjoni qabel inħarġet l-att ta' akkuża kontra tagħhom. Qieset illi għalhekk għandha taderixxi mal-piena kif patteġġjata, liema piena hija waħda fil-parametri tal-liġi.

Għaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(h), 18, 205(a)(b), 248A(1)(a)(2)(3), 248B u 248E, 251B, 222(1)(a), 202(h)(v), 31, 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikoli 7(1), 8(1), 9, 10 u 18 tal-Kapitolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan fiż-żmien li kien kommess ir-reat, tikkundanna lil **Robert Attila Majlat** il-piena ta' priġunerija effettiva għal perijodu ta' għaxar snin u multa ta' għaxart elef ewro (€10,000), u lil **Robert Attilane Majlat** il-piena ta' priġunerija effettiva għal perijodu ta' disa' snin u multa ta' sebat elef ewro (€7,000).

Wara li rat l-artikoli 23 u 23B tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna il-konfiska tal-apparat elettroniku eżebit fl-atti tal-kawża bħala Dok. RS1 sa Dok. RS.15, u dan sakemm l-Avukat Ġenerali ma jindikax permezz ta' nota ippreżentata fl-atti fi żmien ħmistax-il jum mil-lum li huwa għandu bżonn dawn l-eżebiti f'xi proċeduri oħra relatati ma' din il-kawża.

Wara li rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali tikkundanna lil ħatja iħallsu l-ispejjeż peritali lir-Reġistratur tal-Qorti fl-ammont ta' €3,049.81.

Wara li rat l-artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali tordna il-ħruġ ta' Ordni ta' Trażżin favur AA u AB b'dan illi l-ħatja huma ipprojbiti milli direttament jew indirettament anke tramite terzi javviċinaw jew b'xi mod ieħor isegwu l-movimenti tal-imsemmija AA u AB, jew b'xi mod ieħor jikkomunikaw magħhom, liema ordni għandu jibqa' fuq saqajh għal tlett snin miż-żmien meta il-ħatja jiskontaw il-piena karċerarja imposta fuqhom llum.

Wara li rat l-artikolu 23Ċ(2) tal-Kodiċi Kriminali, tordna il-konfiska tal-assi kollha tal-akkużati favur il-Gvern ta' Malta.

Edwina Grima

Imhallef